**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA tas-6 ta' April, 2001.**

**Citazzjoni numru 276/01GC**

**Creations the ultimate in Bathroom Elegance Limited**
**Vs.**
**Soap and Sponge Limited**

**Il-Qorti;**

**Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-**

**Illi fuq inkariku tas-socjeta konvenuta gie supplit u mibjugh mis-socjeta attrici lill-istess socjeta konvenuta mitejn u hamsin (250) metru kwadru Glass Mosaic Pool Tiles;**

**Illi din il-partita tammonta ghall-prezz ta' elf tmien mija u tmienja u sittin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm1868.75c);**

**Illi nonostante li giet interpellata anke ufficcjalment l-istess socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;**

**Talbet ghalhekk lill-istess socjeta konvenuta tghid ghaliex m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:-**

**1. Taqta u tiddeciedi skond it-talba tas-socjeta attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;**

**2. konsegwentement tikkundanna lill-istess socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elf tmien mija u tmienja u sittin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmi (Lm1868.75) prezz ta' Glass Mosaic Pool Tiles mibjugh u supplit lill-istess socjeta konvenuta;**

**Bl-interessi u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-3 ta' Jannar, 2001, kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.**

**Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;**

**Billi mil-ammissjoni tas-socjeta konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;**

**Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta tideeciedi billi tilqa it-talba tas-socjeta attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.**

**Imhallef**

Dep. Registratur